# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU TLIETA U ERBGĦIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar it-Tlieta 30 ta' Novembru, 2004 fid-9.30am fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| Skużat : | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Assenti: | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Attivitajiet f'Diċembru.
(4) Party Anzjani.
(5) Riżoluzzjonijiet.
(6) Tender Refuse House Collection.
(7) Tender Sweeping.
(8) Kuntratt Part-Time Clerk.
(9) Fence ta' fuq is-Sur.

## 43 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Is-Sindku Joseph Casha ppropona li tiġi sospiża l-proċedura ta' regolamenti biex il-Minuti tal-laqgħa Numru 42 jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss. Dan minħabba li x-xogħol fl-uffiċċju amministrattiv żdied u bħal issa jinsab b'nuqqas ta' staff.

*43 (1).1* Din il-proposta ġiet approvata unanimament.

## 43 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha għarraf lill-Kunsill bil-ħidma u l-laqgħat li saru mill-aħħar laqgħat tal-Kunsill (16 ta' Novembru, 2004).

43 (2).1 Direttorat - Finanzi Works Division

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa f'Belt is-Sebħ bil-għan li jsir magħhom il-kwalita ta' servizz li dan id-Dipartiment qed jagħti lill-Kunsill kif ukoll kif dan jista' jitjieb.

Din l-istedina saret mid-direttur stess biex ikun hemm aktar kuntatt bejn Iż-żewġ naħat. Saru diskussjonijiet fuq il-ħlas pendenti ta' Lm 8, 800 dovuti lid-dipartiment mill-Kunsill.

Minħabba li l-Kunsill kien ilu jikkontesta ħafna mix-xogħol ikkwotat ma' kienx sar, sar qbil fil-prinċipju bejn iż-żewġ naħat li jekk din is-somma tinżel għall-ammont ta' Lm 3, 800 il-Kunsill kien lest li japprova dan il-ħlas bħala ammont veru tax-xogħol li sar. Sar qbil ukoll li jekk din il-proposta tiġi aċċettata mid-Dipartiment, il-Kunsill lest li jħallas dan l-ammont f'minn erba' sa ħames xhur.

43 (2).2 Ladies' Circle - Party Kindergarten

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa mal-Ladies' Circle dwar il-party u l-attivitajiet mal-Kunsill, dawn qablu li jagħtu l-għajnuna tagħhom. Huwa kellhom suġġerimenti x'jagħmlu.

43 (2).3 Imħażen tal-Maċina (22/11/04)

Ġie nnutat li l-imħażen tal-Maċina ġew sfrundati b'mod partikolari wieħed minnhom li ġie miftuħ beraħ. Sar rapport lill-pulizija u anke lid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

Il-Viċi Sindku ltaqa' magħhom fuq il-post fejn irriżulta li qed isiru ħafna abbużi.

Ta' min ifakkar li żmien ilu l-Kunsill kien applika biex dawn l-imħażen jiġu devoluti lill-Kunsill biex jiġu rijibilitati u wżati fi proġetti li għandu l-Kunsill. Il-Kunsill għadu jinsisti biex din id-devoluzzjoni ssir. Is-Sindku Joseph Casha stqarr li sa issa l-Kunsill għad ma' kellhux tweġiba.

Is-Sindku lesta rapport dwar dan biex jitqassmu lir-residenti tal-lokal biex kull ħadd ikun jaf x'qed jiġri. Dan qed jagħmlu biex ma' jiġrix dak li ġara fid-devoluzzjoni tas-sit tas-sala San Mikiel li fl-aħħar ħin din il-propjeta' ingħatat lil ħadd ieħor minkejja l-proġett fejjiedi u ta' ġid għar-residenti tal-lokal li kellu ppjanat il-Kunsill.

43 (2).4 Konferenza MTA (25/11/04)

Is-Sindku Joseph Casha kien mistieden u ħa sehem fil-konferenza imtella mill-MTA fl-Intercontinental Hotel, San Ġiljan.

F'din il-konferenza ingħata rapport tal-ħidma li saret matul is-sena u x'hemm bżonn li jsir biex it-Turiżmu ma' jibqax jinżel l-isfel.

Is-Sindku Joseph Casha stqarr li t-tnaqqis fit-turiżmu, il-lokal ta' l-Isla jbagħti minħabba li ħafna mit-turisti li jżuru Malta jżuru l-Isla.

43 (2).5 Kumitat Sindki tal-Kottonera (25/11/04)

Saret laqgħa tas-Sindki tal-Kottonera u l-Kalkara fil-Kunsill Loakli Bormla bil-għan li jsiru korsijiet għall-adulti mill-Kottonera.

Hemm possibilta' li dawn il-korsijiet isiru flimkien ma' l-ETC fejn l-ETC tmexxi u torganiżża dawn il-korsijiet u l-Kunsilli Lokali joffru l-premises tagħhom.

Korsijiet identifikati huma computer studies, wood work, refregerating, electtrician u plumbing.

43 (2).6 Fondi mill-EU permezz ta' proġett (10/11/04)

Is-Sur Anton Theuma (Delta) xtaq li jiltaqa' mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv biex jesploraw is-sitwazzjoni ta' kif jista' jkun hemm proġett bil-fondi mill-EU. Għal dan il-għan is-Sur Theuma xtaq Iġib miegħu nies l-Isla biex jurihom il-potenzjal li toffri l-Isla fl-aspett Soċjali, kulturali u turistiku.

43 (2).7 Laqgħa Queen's Own Band Club (02/11/04)

Is-Sindku kellu laqgħa mas-Sinjuri Joseph Robinich u John Stanici dwar il-ħlas pendenti lilhom mill-Kunsill għas-servizz li huma kienu taw f'Novembru tas-sena l-oħra.

Dawn urew ix-xewqa li l-bilanċ li kellhom jieħdu jingħata qabel Jannar, 2005 meta huma ser ikollhom il-laqgħa ġenerali annwali tagħhom.

Is-Sindku Joseph Casha li kien assisstit mill-Viċi Sindku Walter Ahar assigura li dak li ġie imwiegħed ser jitħalla kif kien miftiehem ħafna qabel.

Pero' sakemm hemm l-oġġezzjoni mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill ma' jistgħax jaffettwa l-kumplament tal-ħlas dovut lill-Queen's Own Band Club. Hekk kif tingħeleb din id-diffikulta l-Kunsill Iħallas l-ammont dovut.

43 (2).8 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-15 u s-26 ta' Novembru 2004 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/2546/04/I* *Aċċess ġo Garage*

Talba għal rimedju biex isir split level tal-bankina minn garage fi Triq San Mikiel. Il-Ħaddiema ser jagħmlu spezzjoni fuq il-post.

*04/2548/04/I* *Soċjeta Turistika Maltija*

Il-Kunsill qabel li jidħol membru f'din l-assoċjazzjoni. Il-Ħlas huwa ta' Lm10.

*04/2557/04/I* *Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera*

Is-Sindku Joseph Casha reġa' ġie maħtur bħala membru ta' dan il-Kumitat.

*04/2567/04/I* *Aġenzija Sedqa - Prevenzjoni*

Il-Kunsill qabel li l-Viċi Sindku Walter Ahar ikun il-persuna nkarigata minn dan ix-xogħol fil-lokal.

*04/2583/04/I* *Ġimgħa tal-Persuni B'Diżabilita*

Il-Kunsill ġie mgħarraf bl-attivitajiet li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'DIżanilita' ser ittella' matul it-3 u l-11 ta' Diċembru, 2004.

*04/2584/04/I* *Store No. 5, St. Michael's Bastion*

Il-Kunsill ġie mgħarraf mis-Senglea Athletic F. C. b'ittra lill-Onor. Tonio Borg (kkupjata lill-Kunsill) dwar it-talba tagħhom sa minn sena ilu biex dan il-post jiġi mikri lilhom għall-użu tan-Nursery tal-Klabb.

Il-Kunsill qed jaqbel ma' din l-inizjattiva u ddeċieda li jikteb lill-Onor. Tonio Borg biex din it-Talba tiġi milqugħa mill-aktar fis possibbli.

*04/2600/04/I* *Radju Kottoner (98 FM)*

Il-Kunsill laqa' l-proposta ta' dan ir-radju biex jieħu sehem f'maratona ta' 60 sigħa li ser tittella' f'open weekend f'Dar it-Tama bejn il-Ġimgħa 3 u l-Ħadd 5 ta' Diċembru, 2004.

Is-Sindku u l-Viċi Sindku għandhom jattendu nhar is-Sibt 4 ta' Diċembru, 2004 fil-11.00am.

*04/2602/04/I* *Misraħ Andrea Debono*

Il-perit tal-Kunsill talab biex il-Kunsill jingħata aktar żmien fuq din l-applikazzjoni minħabba li għad hemm diskussjonijiet għaddejin mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita.

*04/22606/04/I* *Dockyard Terrace, Isla (Drainage)*

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Ispettur Sanitarju ta' Raħal Ġdid li s-sitwazzjoni tad-drenaġġ fi Blokk A, B u Ċ, fi Triq it-Tarzna tnaddfet internament u tkabbar l-intercepting chamber.

*04/2607/04/I* *Seminar EU Membership - First 6 months*

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv attendew seminar dwar dan is-suġġett imtella' mill-Fondazzjoni Reggie Miller tal-General Workers' Union nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru, 2004. fil-Lukanda Crowne Plaza.

*04/2615/04/I* *Qagħda Finanzjarja tal-Kunsill*

Il-Kunsill wieġeb it-talbiet li saru f'din l-ittra mid-Direttur għall-Gvern Lokali.

*04/2624/04/I* *Użu tas-Sala tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva t-talba tal-Bronk Productions biex jużaw is-Sala nhar il-Ħadd 5 ta' Diċembru, 2004 mid-9.30am 'il quddiem.

## 43 (3) Attivitajiet f'Diċembru

Il-Kunsill ddiskuta u approva lista ta' attivitajiet ppreżentati mis-Sindku Joseph Casha.

| | |
|---|---|
| High Tea (Sala Kunsill) | 12 ta' Diċembru, 2004 |
| Bazaar (Kunsill) | bejn it-13 u d-19 ta' Diċembru, 2004 |
| Coffee Morning | 22 ta' Diċembru, 2004 |
| Rigal lill-Anzjani | bejn l-20 u d-29 ta' Diċembru, 2004 |
| Party għat-tfal (Skola) | 30 ta' Diċembru, 2004 |
| Ħarġa għat-tfal | 31 ta' Diċembru, 2004 |

43 (3).1 Il-Ħadd 2 ta' Jannar, 2005 ser isir rikonoxximent għat-tfal li għaddew għall-Junior Lyceum fejn se ssir preżentazzjoni ta' kotba u wara jkun hemm drinks mal-ġenituri.

43 (3).2 Nhar it-Tnejn 3 ta' Jannar, 2005 il-Kunsill ser jorganiżża ħarġa għat-tfal ta' l-Iskola Primarja Dom Mauro Inguanez fejn it-tfal ser iħallsu Lm 1.40 kull ras u l-Kunsill ser iħallas it-trasport.

43 (3).3 Sala Sede

Minħabba attivitajiet oħra l-amministrazzjoni tas-Sede infurmat lill-Kunsill li l-uniku dati free Kienu is-Sibt 19 ta' Diċembru, 2004, il-Ħamis 6 jew il-Ħadd 9 ta' Jannar, 2005.

Is-Sindku qal li peress li hemm programmat li jsir bażaar mit-13 sad-19 ta' Diċembru, 2004

huwa mpossibli li din l-attivita' ssir fid-19 ta' Diċembru, 2004. Barra minn dan qal ukoll li huwa għandu mpenji oħra li ma' jistgħax jaħrab minnhom.

43 (3).4 Is-Sindku ppropona li dawk l-anzjani li ma' joħorġux u li ma' jkunux attendew l-attivita' msemmija hawn fuq, isirilhom tqassim ta' rigali.

Huwa qal li dan isir b'avviż fin-notice board u anke permess tal-media billi jirreġistraw ruħhom fil-Kunsill permess tal-membri mill-familji tagħhom.

Huwa ppropona dan :

| | |
|---|---|
| 30 ta' Diċembru, 2004 | 4.00pm to 7.00pm |
| 31 ta' Diċembru, 2004 | 9.00am to 12.00pm<br>4.00pm to 6.00pm |
| 1 ta' Jannar, 2004 | 9.00am to 12.00pm |

Din il-proposta ġiet approvata.

## 43 (4) Rigal lill-Anzjani

Din l-attivita' ser issir fl-Emotions Club fis-St. George's Park. Il-prezz ser ikun ta' Lm 4. 25ċ kull ras.

43 (4).1 Dan il-prezz jinkludi : Coffee Morning, lunch u entertainment wara nofs inhar. Tluq fid-8.45am u lura sas-6.00pm.

43 (4).2 Il-Kunsill ser iniedi din l-attivita' bħal ma' dejjem għamel fis-snin ta' qabel b'madwar Lm 300.

43 (4).3 Dħul mill-bazaar u mill-attivitajiet oħra bħal w/end break u coffee morning ser jissussidjaw din l-attivita' għall-anzjani.

43 (4).4 Għandha ssir stedina lill-Arċipriet biex jattendi għall-attivita' ta' l-Anzjani.

43 (4).5 Saret mozzjoni mis-Sindku ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar li dan il-programm ta' attivitajiet jiġi approvat kif propost.

43 (4).6 Il-Kunsill approva dan il-programm.

## 43 (5) Riżoluzzjonijiet

Għal din il-laqgħa tressqu tlett riżoluzzjonijiet għad-diskussjoni u għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

43 (5).1 Talba għal ħruq ta' nar

Il-Kunsill approva li jsir ħruq ta' nar minn ħdejn il-Maċina quddiem is-Dockyard South Gate, mill-Kumitat Festi Esterni ta' Bormla fi żmien il-Festa tal-Kunċizzjoni.

Din ir-riżoluzzjoni ġiet proposta mis-Sindku Joseph Casha u ssekondata mill-Viċi Sindku Walter Ahar (Kopja mehmuża).

43 (5).2 Historical Cities Festival

Il-Kunsill approva riżoluzzjoni biex isir ħlas ta' Lm 250 bħala s-sehem tiegħu f'dan il-festival.

Din ir-riżoluzzjoni ġiet proposta mis-Sindku Joseph Casha u ssekondata mill-Viċi Sindku Walter Ahar (Kopja mehmuża).

43 (5).3 Proġett SpringBoard

Il-Kunsill approva riżoluzzjoni biex isir ħlas ta' Lm 75 bħala parti mill-ispiża totali li hija metieġa biex ikopri l-ispejjeż ta' dan il-proġett ta' taħriġ fi snajja' fil-Kottonera.

Din ir-riżoluzzjoni ġiet proposta mis-Sindku Joseph Casha u ssekondata mill-Viċi Sindku Walter Ahar (Kopja mehmuża).

## 43 (6) Tender Refuse House Collection

Saret laqgħa fil-Kunsill Lokali tal-Kalkara fejn kienu preżenti rappreżentant mill-Kunsill Lokali ta' l-Isla u l-Kunsill Lokali tal-Kalkara, saret diskussjoni fuq l-offerti li ntefgħu.

43 (6).1 F'parti minn din il-laqgħa ġie mistieden is-Sur Tony Zammit ta' Transline biex jiċċaraw xi diffikultajiet fl-offerta tiegħu.

43 (6).2 Għall-mistoqsijiet li sarulu huwa stqarr li għandu makkinarju biżżejjed biex jaħdem it-tlett lokalitajiet kważi fl-istess ħin. Huwa semma wkoll kif għandu apparat biex l-iskips jinħaslu waqt li jkun għaddej ix-xogħol.

43 (6).3 Permezz ta' dawn in-negozjati kien jidher li l-anqas proposta issa niżlet għal Lm 34, 000.

43 (6).4 Sar qbil li qabel tittieħed xi deċiżjoni ssir diskussjoni mal-Kunsill Lokali tal-Birgu billi ma' kienx preżenti għal din il-laqgħa. Kull Kunsill kellu jiddiskuti din il-proposta.

43 (6).5 Għall-Kunsill ta' l-Isla dan ifisser żieda ta' Lm 1, 500 fis-sena fuq il-kuntratt preżenti.

## 43 (7) Tender Sweeping

Is-Sindku stqarr li f'dawn l-aħħar ħmistax daħlu diversi rapporti li s-servizz ta' knis fit-toroq mhux qed isiru kif suppost.

43 (7).1 Dan ġie konfermat minn spezzjonijiet li saru mis-Sindku u mill-Viċi Sindku li huwa l-kelliem inkarigat mill-Ambjent.

Infatti l-Viċi Sindku kiteb ittra lill-amministrazzjoni tal-Kunsill dwar dan in-nuqqas mill-kuntrattur inkarigat mit-tindif fit-toroq.

43 (7).2 Għal diversi drabi l-Kunsill wissa lill-kuntrattur biex jagħti servizz tajjeb u kif mixtieq u li kull jum wara li jkun temm it-tindif tiegħu l-kuntrattur kellu jirraporta l-uffiċċju tal-Kunsill u jindika t-toroq li jkunu saru ħalli wara ssir spezzjoni.

43 (7).3 Minn dan ma' sar xejn.

43 (7).4 Għaldaqstant billi dan il-kuntratt ser jagħlaq fil-11 ta' Jannar, 2005, il-Kunsill qabel li jerġa joħroġ dan it-tender mill-ġdid.

## 43 (8) Kuntratt Part-Time Clerk

Il-Kunsill ġie nfurmat b'interviews li saru liż-żewġ applikanti li tefgħu l-offerta għal dan il-kuntratt.

43 (8).1 Skond il-panel magħżul li kien iffurmat mis-Sindku Joseph Casha, Arthur Napier President tal-Kunsill Skolastiku, John O'Dea Segretarju Eżekuttiv rappreżentant ta' ASKLM u Alphonse Zammit Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

L-aħjar kandidat għax-xogħol mitlub huwa ta' Matthew Vella minħabba li l-kandidat l-ieħor huwa overqualified. Dan jista' jwassal biex jitlaq qabel iż-żmien. (Rapport tal-Bord ta' l-Għażla mehmuż).

43 (8).2 Wara diskussjoni li saret bejn il-Kunsillieri, l-Kunsill kien tal-fehma li l-għażla għandha tkun għal Gordon Camilleri minkejja li l-Bord ta' l-Għażla ta l-parir li l-għażla għandha tkun tas-Sur Matthew Vella.

43 (8).3 Għaldaqstant il-Kunsill awtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma lil dawn il-kandidati minnufih. Is-Sur Gordon Camilleri kellu jibda minn nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru, 2004.

Dan ser jibda jaħdem 19 il-siegħa fil-ġimgħa fuq firxa ta' ħamest'ijiem.

Jekk tinħass il-ħtieġa mis-Segretarju Eżekuttiv jista' jaħdem aktar sigħat.

## 43 (9) Fence ta' Fuq Is-Sur

Il-Kunsill irċieva diversi kummenti li l-fence li hemm fuq is-Sur qed ikerrah il-post. Dan kien sar biex ikun ta' safety għal ħaddiema li jkunu jaħdmu fil-ħwienet ta' taħt fid-Dockyard.

Pero' minħabba li dawn il-ħwienet ma' għadhomx fl-użu ma' jidhirx li hemm aktar bżonn ta' dan il-fence.

43 (9).1 Il-Kunsill huwa tal-fehma li jinforma liċ-Chairman tal-Maltashipyards li dan il-fence ser jitneħħa.

43 (9).2 Il-Kunsill qabel ukoll li dan il-fence jitneħħa hekk kif ikollna n-nies tagħna jkunu ħfief mix-xogħol.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fil-11.34am b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv